MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 44/2007

**Blye Engineering Co. Ltd**

**Vs**

**A.J.D. Tuna Ltd**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tminja u sebghin centezmu (Lm2325.78) kif jidher ahjar mill-istatement of account tat-8 ta' Novembru 2006 (Dok A hawn esebit), kwantu ghal Lm1408.92 prezz ta' kompressur u condenser kif jirrizulta mill-fattura

numru 51452 tal-31 ta' Mejju 2006 (Dok B hawn esebit) u kwantu ghal Lm916.86 prezz ta' kompressur kif jirrizulta mill-fattura numru 51543 tat-3 ta' Gunju, 2006 (Dok C hawn esebit);

Bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru 2006, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta A.J.D. Tuna Ltd fejn eccepiet:

1. Illi mhux minnu li s-socjeta' konvenuta xtrat zewg kompressuri izda kompressur wiehed kif ser jigi spjegat.
2. Illi meta s-socjeta' konvenuta xtrat minghand is-socjeta' attrici kompressur f'Mejju 2006, irrizulta li dan ma kienx tal-kwalita' pattwita. Is-socjeta' attrici accettat dan, hadet il-kompressur lura u kkonsenjat iehor minfloku.
3. Illi anke dan it-tieni kompressur irrizulta li ma kienx tal-kwalita' pattwita u gie ritornat lura lis-socjeta' attrici fejn ghadu sallum.
4. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semgħet uhud mix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2008, din il-Qorti innominat bhala espert tekniku bil-fakolta li jisma' x-xhieda ukoll u jirrelata dwar il-materja nvoluta lill-Inginier Carmelo Cuschieri;

Rat ir-relazzjoni tal-Inginier Carmelo Cuschieri, minnu debitament mahlufa;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Wara li sema' x-xhieda, ra d-dokumenti ezebiti u zamm access fejn ezamina z-zewg kompressuri in kwisjoni, l-Espert Tekniku l-Inginier Carmel J. Cuschieri gibed dawn is-segwenti konkluzjonijiet:

1. *Is-socjeta' konvenuta hadet zewg kompressuri minghand is-socjeta' attrici.*
2. *Dawn il-kompressuri haddithom f'granet differenti l-ewwel wiehed fil-31 ta' Mejju, 2006 u t-tieni fit-3 ta' Gunju, 2006.*
3. *Hija rritornat dawn il-kompressuri lis-socjeta' attrici, l-ewwel wiehed fil-5 ta' Gunju, 2006 u tieni wiehed fl-14 ta' Gunju, 2006.*
4. *Dan ifisser li bejn it-3 ta' Gunju u l-5 ta' Gunju 2006 is-socjeta' konvenuta kienet fil-pussess taz-zewg kompressuri.*
5. *Dawn iz-zewg kompressuri gew mibjugha lis-socjeta' konvenuta fuq "supply only" cioe' il-connecting up tal-kompressuri ma kellux issir mis-socjeta' attrici.*
6. *Is-socjeta' konvenuta kienet rappresentata fix-xiri ta' dawn il-kompressuri minn technician li hija qabdet biex jghamel it-tiswija tal-hsara tas-sistema tar-refrigeration li kien hemm fuq il-vapur, cioe' Paul Vella.*
7. *Paul Vella kien li qabbad il-kompressuri mas-sistema tar-refrigeration u li qal li l-kompressuri qatt ma hadmu.*
8. *Paul Vella ikkonferma fix-xhieda tieghu li huwa kien ikkonnettja z-zewg kompressuri bl-istess mod, jigifieri jekk kien hemm zball fuq wiehed kien hemm zball fuq l-iehor ukoll.*
9. *Paul Vella indika kif kien qabbad il-kompressuri waqt l-access u cioe' b'mod delta u dan mhux b'mod korrett kif kellhom jitqabbdu l-muturi tal-kompressuri.*
10. *Iz-zewg kompressuri kienu godda meta gew ikkunsenjati lil Paul Vella u dan kif jikkonferma Paul Vella fix-xhieda tieghu.*
11. *Paul Vella jghid li l-ebda wiehed mill-kompressuri ma hadem wara li gew imqabbdin mal-elettriku.*
12. *Fix-xhieda tieghu Victor Cassar jghid li meta mar fuq il-post wara li kien gie mibghut minn Blye, huwa sab li l-kompressur kien gie mqabbad hazin.*
13. *Huwa kien bidel il-connections biex jipprova jhaddem il-kompressur izda kien kollu ghalxejn.*

14. *Ir-relatant ittestja l-kompressuri inkwistjoni waqt l-access u sab li l-kompressuri huma fil-fatt mahruqin jew demeggjati u dawn ma setghux kienu hekk meta gew minghand il-manufattur Frascold.*
15. *Dan gie kkonfermat meta r-relatant iccekkja kompressur gdid li gie prezentat waqt l-access u setgha jikkompara z-zewg muturi tal-kompressuri in kwistjoni u l-kompressur il-gdid.*
16. *Skond dokumenti RMF 1 u RMF 2 prezentati minn Ray Mallia, iz-zewg kompressuri in kwistjoni ma gewx ikkonsenjati fl-istess konsenja mis-supplier FRASCOLD izda f'zewg konsenji differenti, wiehed f'Novembru, 2004 u l-iehor f'Mejju 2005.*
17. *Ghalhekk huwa improbabbli hafna li dawn iz-zewg kompressuri gew damegjati minghand is-supplier Frascold.*
18. *L-informazzjoni kif kellhom jitqabbdu l-kompressuri kienet fuq it-tabella tal-informazzjoni imwahhla mal-muturi nnifishom.*
19. *Din it-tabella tghid li l-muturi kellhom jitqabbdu star (Y) u mhux delta kif fil-fatt gew imqabbda.*
20. *Id-data sheet li hemm mal-mutur hija informazzjoni ta' natura generika u ma kellhiex tintuza biex jigi deciz kif kellu jitqabbad il-kompressur. Din kellha tintuza flimkien mat-tabella ta' fuq il-mutur.*
21. *Fil-konnessjoni delta il-mutur jiehu hafna iktar kurrent minn dak li huwa rated ghalih u dan kien il-kagun li l-muturi tal-kompressuri inharqu.*
22. *Fis-sistema ta' kontroll tal-mutur jew ma kienx hemm sistema ta' protezzjoni jew din ma kienitx issetjata tajjeb u ghalhekk il-protezzjoni ma hadmitx.*
23. *Il-muturi ghandhom thermistor protection fuqhom biex dan jitqabbad fis-sistema ta' protection tal-mutur halli jekk jishon il-mutur ghal xi raguni jew ohra taqta is-supply lill-mutur u ghalhekk ma jinharaqx. Paul Vella ikkonferma li din il-protection huwa ma uzahiex.*
24. *It-test li sar minn Blye fuq il-muturi ma jghati l-ebda informazzjoni iktar minn dik li r-relatant ha huwa billi ttestja l-muturi waqt l-access.*
25. *Il-fatt li l-mutur l-ewwel wiehed gie mehud fil-31 ta' Mejju u gie ritornat fil-5 ta' Gunju, u l-fatt li s-socjeta' konvenuta bghatet ghat-tieni kompressur fit-3 ta' Gunju jindika li kien hemm perjodu ta' 3 t'ijiem bejn li gie kkonsenjat l-ewwel mutur u meta dan gralu hsara u ma hadimx iktar u ghalhekk ir-relatant jikkonkludi li l-mutur hadem meta gie mqabbad u ha circa jumejn biex inharaq.*
26. *Dan jikkonferma l-konkluzjoni tar-relatant li l-mutur inharaq ghax gie mqabbad hazin u ma kellux protections necessarji biex jipproteguh.*

27. *Ghalhekk ir-relatant jikkonkludi li l-muturi gew damegjati b'responsabilita' ta' Paul Vella li kien imqabbad mis-socjeta' konvenuta u mhux ghax il-muturi kienu difettuzi meta gew konsenjati.*
28. *Ghalhekk ir-relatant ma jara l-ebda raguni ghaliex is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex thallas lis-socjeta' attrici ta' dawn il-kompressuri u l-condensor li gew ikkonsenjati lilhom.*

Din il-Qorti rat il-provi kollha akkwiziti, inkluz dawk li gew prodotti quddiem l-Espert Tekniku, u ma tara l-ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni tal-Espert Tekniku.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici, u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef erba' mija u sbatax-il Euro u wiehed u sittin centezmu (€5417.61) - ekwivalenti ghas-somma ta' elfejn tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2325.78) - bl-imghax kummercjali mid-data ta' kull fattura u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru 2006, kontra s-socjeta' konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------